# 'SANTA MARIJA' FIT-TRADIZZJONI RELIĠJUŻA MALTIJA

S. Fiorini

Meta ngħidu il-knisja jew il-festa ta' Santa Marija nifhmu l-knisja jew il-festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija. Dan l-avveniment il-knisja, kemm dik tal-Lvant kif dik tal-Punent, ilha li rrikonoxxietu u ċċelebratu sa mill-eqdem żminijiet fil-15 t'Awissu. Mingħajr ebda dubbju, fost il-qaddisin kollha meqjuma hawn Malta kif ukoll fost it-titli kollha li bihom tingħata qima Marija hawn Malta, it-Tlugħ fis-Sema tagħha minn dejjem kien l-iżjed wieħed popolari. Sa llum stess għad hawn mhux anqas minn 7 parroċċi li lkoll għandhom lil Santa Marija bħala l-festa prinċipali tagħhom. Tlieta mill-eqdem parroċċi li nafu li eżistew f'dawn il-gżejjer huma dedikati lil Santa Marija: dik ta' Birkirkara li nafu li kienet ġa teżisti fl-1402 fl-inħawi tal-Għargħar (illum Santa Liena), il-Matriċi fil-Kastell t'Għawdex li tissemma' fl-1435, kif ukoll il-parroċċa ta' Birmiftuħ, illum il-Gudja, li tissemma fil-Rollo de Mello tal-1436.

Fost knejjes u kappelli dedikati lil Santa Marija li nafu li xi darba eżistew sal-1800 hemm mhux anqas minn 92 li l-maġġoranza tagħhom insibuhom diġa' qabel il-viżta Apostolika ta' Mons. Pietru Duzina fl-1575; fost dawn insibu wkoll dik ta' Ħad-Dingli li wara sabet ukoll parroċċa. Barra minn dawn il-knejjes u kappelel kollha, insibu wkoll 28 altar laterali ieħor fi knejjes bl-istess dedika. Kienet drawwa qadima li *fl-istess* knisja ssib aktar minn altar wieħed bl-istess titular, kif ukoll diversi knejjes iserrħu ma' xulxin (bħal ma għad hemm it-tlett knejjes f'Ħal Balzan), uħud minnhom bl-istess dedika. Hekk ngħidu aħna, fil-knisja l-qadima ta' Birkirkara kien hemm mhux anqas minn 5 altari dedikati 'l Assunzjoni ta' Marija, 2 f'Birmiftuħ, 4 Ħaż-Żebbuġ, u 2 oħra ż-Żurrieq.

Kemm ippenetrat din id-devozzjoni fit-tradizzjoni reliġjuża ta' pajjiżna jidher mill-fatt li sa l-iċken parroċċa li eżistiet sal-bidu tas-seklu XVII kollha kellhom jew xi knisja jew tal-anqas xi altar dedikat lilha. Xi każijiet jgħaġġbuk tabilħaqq: fis-Siġġiewi kien hemm mhux anqas minn tnax-il kappella fil-limiti tiegħu b'din id-dedika, kien hemm 10 f'Birkirkara u 10 oħra f'Ħal Qormi, 5 in-Naxxar, iż-Żurrieq u Ħal-Lija, 4 Ħaż-Żebbuġ u ż-Żejtun, u 3 Ħ'Attard, ir-Rabat u l-Birgu.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa ta' Ħad-Dingli.

Dan l-għadd daqshekk kbir ta' knejjes u altari kollha dedikati lill-Assunta u kollha b'tant quddies li kellu jitqaddes f'dik il-festa ma naqasx li joħloq problema mhux żgħira billi l-għadd ta' qassisin ma kienx ilaħħaq mal-ħtieġa. Għaldaqstant Mons. Duzina ipprova jsib rimedju billi jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Papa li l-quddies li kellu jitqaddes jitqassam fuq tlett ijiem, jiġifieri fil-viġili, nhar il-festa, kif ukoll l-għada tal-festa. Ta' min isemmi wkoll li waħda mill-eqdem konfraternitajiet, jiġifieri dik f'Ħ'Attard li twaqqfet fl-1541, kienet ta' Santa Marija.

X'baqa' llum minn dan l-għadd kollu ta' knejjes u kappelel medjevali? Mhux wisq, billi ħafna ma baqgħux jieħdu ħsiebhom u ġew ipprofanati kanonikament, aktarx fis-seklu XVII. Minn dawk li baqgħu, kien hemm oħrajn li bidlu d-dedika tagħhom. Dawk li għad hemm illum huma: f'Ħ'Attard il-parroċċa u f'Ħal Balzan knisja żgħira n-naħa ta' fuq tar-raħal, f'Birkirkara il-parroċċa l-qadima kif ukoll dik *tal-ħerba* li llum m'għadhiex dedikata 'l Santa Marija, f'Ħad-Dingli il-parroċċa li diġa' kienet tissemma minn Duzina fl-1575; (fl-1636 kienet titqies "qadima bosta" u kellha 5 arkati u fl-1678 twaqqfet parroċċa mill-ġdid minflok Santa Duminka ta' Ħal Tartarni). F'Ħal Għargħur insibu tnejn, jiġifieri Santa Marija *ta' Żellieqa* u *ta' Bernarda*. Il-parroċċa l-qadima ta' Birmiftuħ għadek tista' taraha mitlufa fil-kampanja, filwaqt li l-Gudja li nqatgħet minnha għandha wkoll l-istess dedika. Għalkemm qrib il-Gudja, Ħal-Għaxaq ma ħax il-limiti tiegħu minn Bir-miftuħ imma miż-Żejtun; dan ir-raħal ukoll għandu l-festa ta' Santa Marija. Fil-limiti ta' Ħal Lija mbagħad insibu l-knisja *tal-Mirakli*



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa tal-Qrendi.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa tal-Gudja.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa tal-Mosta.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Knisja ta' Samra.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa ta' Ħ'Attard.

jew *ta' Għadir il-Bordi* kif ukoll żewġ knejjes oħra li darba kellhom din l-istess dedika; illum huma *ta' San Pietru* u *tal-Belliegħa* b'titlu tat-Twelid tal-Madonna; knisja oħra fl-istess parroċċa dedikata lill-Assunta hi *ta' Marin id-Dona.* F'Ħal-Luqa hemm il-Knisja żgħira *tal-ftajjar,* fil-waqt li kemm l-Imġarr kif ukoll il-Mosta il-parroċċa hi dedikata lil Santa Marija. Fil-limiti tal-Mosta, fit-triq lejn l-Imdina, imbagħad hemm il-kappella *ta'Żejfi,* fil-waqt li knisja oħra f'dan ir-raħal, dik *ta' dhib,* illum tal-Viżitazzjoni, darba kienet tal-Assunta. Fl-Imqabba il-festa tal-parroċċa hi Santa Marija; f'dan ir-raħal ukoll hemm knisja, dik tad-Duluri, li darba kienet ta' l-Assunta. Fil-limiti tan-Naxxar, dik *ta' Ħal Misilmet* jew *tax-Xagħra,* li llum nafuha b'tal-Grazzja, darba kienet dedikata lill-Assunta; tant hu hekk li l-festa għadha ssir sal-lum fil-15 t'Awissu. Fil-limiti ta' l-istess raħal hemm ukoll dik *tal-Mgħatab.* Fil-limiti ta' Ħal Qormi nsibu dik *tal-blat* jew *tal-wied,* dik *ta' Qrejqċa,* il-famuża knisja *ta' Ħlas,* kif ukoll dik *tas-Samra* jew *ta' Atoċja,* illum parti mill-Ħamrun. Mill-knejjes ta' Santa Marija li ntemmu f'Ħal Qormi kien hemm



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa ta' l-Imġarr.



L-Istatwa tal-Madonna meqjuma fil-Parroċċa ta' l-Imqabba.

waħda qrib San Ġorġ li ġiet inkorporata mal-parrokkjali meta din tkabbret; hekk ukoll ġara n-Naxxar. Il-parrokkjali tal-Qrendi hi waħda mis-seba' Santa Marijiet. Ir-Rabat għad hemm tnejn, jiġifieri dik *ta' Duna* u dik li bena l-isqof Cagliares għall-bdiewa ta' l-artijiet ta' l-isqof. F'Ħal Safi il-knisja tal-Kunċizzjoni darba kienet ta' l-Assunta. Fis-Siġġiewi u l-limiti tiegħu nsibu tlett knejjes: il-knisja qadima *ta' Ċwerra* fil-pjazza ewlenija tar-raħal, imbagħad fit-triq ta' Għar Lapsi hemm il-knisja sabiħa bil-portiku, nafuha b'tal Provvidenza, li darba kienet dedikata lil Santa Marija, u nsibu wkoll il-knisja ewlenija ta' Ħax-Xluq ukoll dedikata lill-Assunta. Ħal-Tarxien insibu l-knisja *ta' Rokna* li t-titlu tagħha jġib l-inkurunazzjoni ta' Marija. Fil-Birgu nsibu knisja li kien waqqaf Fra Mariano Favo fiċ-ċimiterju ta' San Lawrenz u li ngħatat għall-użu tal-Kongregazzjoni tal-Assunta fl-1624; knisja oħra f'din il-belt hi l-oratorju li nbena fl-1624 biex iħaddan il-kongregazzjoni tal-Ġiżwiti. F'Ħaż-Żebbuġ hemm il-knisja *ta' Mamo,* il-knisja ta' Ħal-Muxi, kif ukoll il-knisja *ta' Godor* li llum għandha t-titular tal-Madonna tal-Grazzji. Fil-limiti taż-Żejtun insibu *tal-ħlas* f'Ħal Bisbut li fis-seklu XVIII kienet tintuża għad-dfin tat-trabi,ta' Ħal Tmin, kif ukoll knisja oħra fir-raħal, l-akbar waħda wara dik ta' San Girgor. Fl-aħħarnett, fil-limiti taż-Żurrieq insibu knisja ta' Santa Marija f'Bubaqra.

B'hekk jidher li mal-medda tas-snin intilfu madwar 50 knisja barra dawk li bidlu d-dedika tagħhom. Fost dawk li ntilfu ta' min isemmi il-kappella ta' Santa Marija li darba kien hemm fuq il-blata ta' Filfla; fost dawk li baqa', imma mhux f'Malta, dik li hemm Kemmuna li diġa' tissemma fl-1274.

**Referenza Ġenerali**

V. Borg, *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul* (1983)6-32.



# JOSEPH AQUILINA

**231, VICTORY STREET, QORMI – TEL:** 487394

Għal kull kwalità ta' xogħol ta' metal.

Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ u channels għall-elettriku,

landi għad-dulċiera, ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.

Nispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.